MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2014

Numru 483/2014

**SPETTUR FABIAN FLERI**

**VS**

**ANTHONY BORG**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anthony Borg ta’ 31 sena, bin Peter u Vincenza nee’ Cassar, mwieled B’ Kara fil-21 ta’ Frar 1983, residenti CCF u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 260783M;

Talli;

1) Fil- lejl ta’ bejn id- 19 u l- 20 ta’ Settembru 2008 minn gewwa r-residenza 51, Triq San Luqa, San Pawl il- Bahar ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom gojjellerija li l- valur taghhom ma jeccedix 2.329.4 ghad- dannu ta’ Joseph Agius u/jew persuna/i ohra liema serq huwa kkwalifikat bil- valur, bil- mezz, bil- lok u bil- hin;
2) Aktar talli sar recidiv b’ sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu ai terminu tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat in-nota ta' kunsens tal-Avukat Generali, li permezz taghha din il-kawza setghet titmexxa sommarjament minn din il-Qorti;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat illi dan ir-reat kien jirrisali ghal Settembru 2008, kwazi sitt snin ilu;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269(g), 270, 279(a), 280(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------